

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunale Amministrativo Regionale per la Lombardia (l-Italja) fl-4 ta' Ġunju 2018 – Shell Italia E & P SpA vs Ministero dello Sviluppo Economico, Ministero dell'Economia e delle Finanze, Autorità di Regolazione per l'Energia, Reti e Ambiente**

**(Kawża C-365/18)**

(2018/C 294/33)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

**Qorti tar-rinviju**

Tribunale Amministrativo Regionale per la Lombardia

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: Shell Italia E & P SpA

Konvenuti: Ministero dello Sviluppo Economico, Ministero dell'Economia e delle Finanze, Autorità di Regolazione per l'Energia, Reti e Ambiente

**Domanda preliminari**

Id-dispożizzjonijiet li jinsabu fil-Artikolu 6(1) u fis-sitt premessa tad-Direttiva 94/22/KE <sup>(1)</sup> jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali, b'mod partikolari l-paragrafu 5-bis tal-Artikolu 19 tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 625 tal-1996, li, bis-saħħa tal-interpretazzjoni mogħtja mill-Consiglio di Stato bis-sentenza Nru 290/2018, tippermetti li jiġi impost, matul il-ħlas tat-tariffi, il-parametru QE, ibbażat fuq il-kwotazzjonijiet taż-żejt u ta' kombustibbli oħra, minflok ma jkun ibbażat fuq l-indiċi Pfor, li huwa marbut mal-prezz tal-gass fis-suq għal żmien qasir?

<sup>(1)</sup> Direttiva 94/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 1994 dwar il-kondizzjonijiet għall-għoti u l-użu ta' awtorizzazzjonijiet għall-prospettar, esplorazzjoni u produzzjoni ta' idrokarburi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 2 p. 262).

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Juzgado de lo Social de Madrid (Spanja) fil-5 ta' Ġunju 2018 – José Manuel Ortiz Mesonero vs UTE Luz Madrid Centro (komposta mill-kumpanniji kummerċjali SICE S.A., Urbalux S.A. ImesAPI S.A. Extralux S.A. u Citelum Ibérica S.A.)**

**(Kawża C-366/18)**

(2018/C 294/34)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

**Qorti tar-rinviju**

Juzgado de lo Social de Madrid

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrent: José Manuel Ortiz Mesonero

Konvenuti: UTE Luz Madrid Centro (komposta mill-kumpanniji kummerċjali SICE S.A., Urbalux S.A. ImesAPI S.A. Extralux S.A. u Citelum Ibérica S.A.)

### Domanda preliminari

L-Artikoli 8, 10 u 157 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, l-Artikolu 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, l-Artikoli 23 u 33(2) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea kif ukoll l-Artikoli 1 u 14(1) tad-Direttiva 2006/54 <sup>(1)</sup>, moqrija fid-dawl tad-Direttiva 2010/18 <sup>(2)</sup>, li timplimenta l-Ftehim Qafas dwar il-leave tal-ġenituri, jipprekludu dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali bħall-Artikolu 37(6) tal-Estatuto de los Trabajadores (il-Kodiċi tax-Xogħol), li jissuġġetta l-eżerċizzju tad-dritt tal-ħaddiem li jirrikonċilja l-ħajja familjari tiegħu mal-ħajja professjonali tiegħu sabiex jieħu ħsieb b'mod dirett minuri jew membri tal-familja tiegħu li jkunu taħt il-kustodja tiegħu għall-kundizzjoni li fi kwalunkwe każ il-ħaddiem għandu għal dan l-għan inaqqas il-ħin tax-xogħol ordinarju tiegħu u konsegwentement ibati tnaqqis proporzjonali fis-salarju tiegħu?

<sup>(1)</sup> Direttiva 2006/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' opportunitajiet indaqs u ta' trattament ugwali ta' l-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' impjegi u xogħol (ĠU 2006, L 204, p. 23).

<sup>(2)</sup> Direttiva tal-Kunsill 2010/18/UE tat-8 ta' Marzu 2010 li timplimenta l-Ftehim Qafas rivedut dwar il-leave tal-ġenituri konkluż minn BUSINESSEUROPE, UEAPME, CEEP u ETUC u li jħassar id-Direttiva 96/34/KE (ĠU 2010, L 68, p. 13).

**Talba għal deċizzjoni preliminari mressqa mit-Tribunal Supremo (Spanja) fl-4 ta' Ġunju 2018 – María Teresa Aragón Carrasco, María Eugenia Cotano Montero, María Gloria Ferratges Castellanos, Raquel García Ferratges, Elena Muñoz Mora, Ángela Navas Chillón, Mercedes Noriega Bosch, Susana Rizo Santaella, Desamparados Sánchez Ramos, Lucía Santana Ruiz u Luis Salas Fernández (bħala werriet ta' Lucía Sánchez de la Peña) vs Administración del Estado**

**(Kawża C-367/18)**

(2018/C 294/35)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

### Qorti tar-rinviju

Tribunal Supremo

### Partijiet fil-kawża prinċipali

*Rikorrenti:* María Teresa Aragón Carrasco, María Eugenia Cotano Montero, María Gloria Ferratges Castellanos, Raquel García Ferratges, Elena Muñoz Mora, Ángela Navas Chillón, Mercedes Noriega Bosch, Susana Rizo Santaella, Desamparados Sánchez Ramos, Lucía Santana Ruiz u Luis Salas Fernández (bħala werriet ta' Lucía Sánchez de la Peña)

*Konvenuta:* Administración del Estado

### Domandi preliminari

1) Il-Klawżola 4 tal-Ftehim Qafas dwar Xogħol għal Żmien Determinat, li jinsab anness mad-Direttiva tal-Kunsill 1999/70/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 <sup>(1)</sup>, għandha tiġi interpretata fis-sens li tipprekludi l-leġislazzjoni nazzjonali Spanjola li, fl-Artikolu 12(3) tat-test ikkonsolidat tal-Estatuto del Empleado Público (l-Istatut tas-Servizz Pubbliku) (Real Decreto Legislativo 2/2015, de 30 de octubre) (id-Digriet Irjali Leġislattiv 2/2015, tat-30 ta' Ottubru 2015), tipprevedi l-waqfien liberu mill-funzjonijiet mingħajr allowance u tipprevedi, bil-kontra ta' dan, fl-Artikolu 49(1)(c) tat-test ikkonsolidat tal-Estatuto del Empleado Público (l-Istatut tas-Servizz Pubbliku) (Real Decreto Legislativo 2/2015, de 30 de octubre) (id-Digriet Irjali Leġislattiv 2/2015, tat-30 ta' Ottubru 2015), allowance meta t-terminazzjoni tal-kuntratt tax-xogħol tkun dovuta għal ċerti kawżi previsti mil-liġi?

2) Fil-każ li r-risposta għall-ewwel domanda tkun fin-negattiv, miżura bħal dik stabbilita mil-leġislatur Spanjol, li tipprevedi li l-alloance tiġi stabbilita għal tnaqqas il-għana [ta' salarju] għal kull sena maħduma, li l-ħaddiem jirċievi meta jintemm kuntratt ta' xogħol temporanju, taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Klawżola 5 tal-Ftehim Qafas, anki meta r-relazzjoni kuntrattwali temporanja kienet limitata għal kuntratt wieħed?